SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

12 ta’ Jannar 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-obbligu għall-operatur pubbliku li jikseb il-provvisti tiegħu mingħand produtturi ta’ enerġiji rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq – Assenza ta’ ħlas ta’ parti mill-għajnuna kkonċernata – Talba għal kumpens imressqa minn dawn il-produtturi quddiem awtorità pubblika distinta minn dik li, bħala prinċipju, hija marbuta, skont din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tħallas din l-għajnuna u li l-baġit tagħha huwa intiż biss li jiżgura l-funzjonament tagħha stess – Għajnuna ġdida – Obbligu ta’ komunikazzjoni – Għajnuna *de minimis* – Regolament (UE) Nru 1407/2013 – Artikolu 5(2) – Akkumulazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-ammonti ta’ għajnuna diġà mħallsa matul il-perijodu ta’ referenza abbażi tal-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali”

Fil-Kawżi magħquda C-702/20 u C-17/21,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja), permezz ta’ deċiżjonijiet tat-18 ta’ Diċembru 2020 u tas-7 ta’ Jannar 2021, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta’ Diċembru 2020 u fil-11 ta’ Jannar 2021, rispettivament, fil-proċeduri

**“DOBELES HES” SIA** (C-702/20)

**Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija** (C-17/21)

fil-preżenza ta’:

**Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija,**

**Ekonomikas ministrija,**

**Finanšu ministrija,**

**“GM” SIA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Prechal, K. Jürimäe, L. S. Rossi, L. Arastey Sahún, Presidenti ta’ Awla, M. Ilešič, J.-C. Bonichot (Relatur), N. Piçarra, I. Jarukaitis, A. Kumin, N. Jääskinen, N. Wahl, M. Gavalec u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: C. Di Bella, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-29 ta' Marzu 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal "DOBELES HES" SIA u għal "GM" SIA minn J. Vaits,

– għas-Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija, minn E. Bergmane, I. Birziņš, J. Miķelsons u A. Ozola,

– għall-Gvern Latvjan, minn E. Bārdiņš, J. Davidoviča, I. Hūna u K. Pommere, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller, A. Hoesch u R. Kanitz, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn M. J. Ruiz Sánchez, bħala aġent,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn K. Bulterman u M. A. M. de Ree, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouchagiar, G. Braga da Cruz, I. Naglis u I. Rubene, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, tal-Artikolu 108(3) TFUE, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 [TFUE] għall-għajnuna *de minimis* (ĠU 2013, L 352, p. 1, rettifika fil-ĠU 2021, L 410, p. 204) u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn, rispettivament, minn naħa, "DOBELES HES" SIA u "GM" SIA (iktar 'il quddiem, flimkien, ir-"rikorrenti fil-kawżi prinċipali"), u, min-naħa l-oħra, is-Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija (il-Kummissjoni Regolatorja tas-Servizzi Pubbliċi, il-Latvja) (iktar 'il quddiem l-"Awtorità Regolatorja") dwar l-iffissar tal-prezz tax-xiri tal-elettriku mill-impriża ta' distribuzzjoni awtorizzata b'tariffa baxxa wisq għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2006 sat-30 ta' Novembru 2007 fir-rigward ta' DOBELES HES u għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2006 sat-30 ta' Settembru 2008 fir-rigward ta' GM.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*It-Trattat ta' Adeżjoni u l-Att ta' Adeżjoni*

3 It-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 17), ġie ffirmat mir-Repubblika tal-Latvja fis-16 ta' April 2003 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004 (iktar 'il quddiem it-"Trattat ta' Adeżjoni").

4 Skont l-Artikolu 1(2) tat-Trattat ta' Adeżjoni, il-kundizzjonijiet tad-dħul u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea jinsabu fl-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 33, iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni").

5 L-Artikolu 22 tal-Att ta' Adeżjoni li, bl-istess mod bħad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan tal-aħħar, jifforma parti integrali mit-Trattat ta' Adeżjoni, jistabbilixxi li l-miżuri elenkati fil-lista li tinsab fl-Anness IV tiegħu għandhom jiġu applikati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmi anness.

6 Il-punt 3(1) tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni jipprovdi:

"L-iskemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li ġejjin li kienu fis-seħħ fi Stat Membru ġdid qabel id-data ta' l-adeżjoni u li jkunu għadhom japplikaw wara dik id-data, għandhom jitqiesu ma' l-adeżjoni bħala għajnuna eżistenti fis-sens ta' l-Artikolu [108(1) TFUE]:

(a) miżuri ta' għajnuna li daħlu fis-seħħ qabel l-10 ta' Diċembru 1994;

(b) miżuri ta' għajnuna elenkati fl-Appendiċi ta' dan l-Anness;

(c) miżuri ta' għajnuna li qabel id-data ta' l-adeżjoni kienu valutati mill-awtorità li tissorvelja l-għajnuna mogħtija mill-Istat ta' l-Istat Membru l-ġdid u meqjusa bħala kompatibbli ma' l-*acquis*, u li dwarhom il-Kummissjoni [Ewropea] ma ressqet l-ebda oġġezzjoni abbażi ta' dubji serji dwar jekk il-miżura tkunx kompatibbli mas-suq komuni, skond il-proċedura stipulata fil-paragrafu 2.

Kull miżura li tibqa' tapplika wara d-data ta' l-adeżjoni li hija miżura ta' għajnuna mogħtija mill-Istat u li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati hawn qabel, għandha ma' l-adeżjoni tiġi meqjusa bħala għajnuna ġdida għall-iskopjiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu[108(3) TFUE]."

7 Il-punt 3(2) tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni jistabbilixxi l-proċedura applikabbli meta Stat Membru ġdid ikun jixtieq li l-Kummissjoni teżamina għajnuna fil-kuntest tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 1(ċ) ta' dan il-punt, billi jipprevedi li huwa għandu jikkomunika, f'dan il-każ, regolarment ma' din l-istituzzjoni. Skont il-paragrafu 3 tal-imsemmi punt, kull deċiżjoni tal-Kummissjoni li tqajjem oġġezzjonijiet fir-rigward ta' miżura, fis-sens tal-paragrafu 1(ċ) tal-istess punt, hija kkunsidrata bħala ekwivalenti għal deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 1, p. 339).

*Ir-Regolament Nru 1407/2013*

8 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1407/2013, intitolat "Għajnuna de minimis", jipprovdi:

"1. Il-miżuri ta' għajnuna jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 107(1) [TFUE] u għaldaqstant ikunu eżentati mill-ħtieġa tan-notifika fl-Artikolu 108(3) [TFUE], jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna totali *de minimis* mogħtija lil kull Stat Membru lil xi impriża waħda m'għandhiex tkun iktar minn EUR 200 000 fuq kwalunkwe perijodu ta' tliet snin fiskali.

[...]"

9 L-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

"L-għajnuna *de minimis* ma għandhiex tiġi akkumulata mal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jew mal-għajnuna mill-Istat għall-istess miżura ta' finanzjament tar-riskju, jekk akkumulazzjoni bħal dik teċċedi l-ogħla intensità ta' għajnuna rilevanti jew ammont ta' għajnuna ffissat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' regolament għal eżenzjoni ġenerali ta' kategorija jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni. L-għajnuna *de minimis* li ma tingħatax għal spejjeż eliġibbli speċifiċi jew li ma tkunx attribwibbli għal spejjeż ta' dak it-tip, tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna oħra mill-Istat mogħtija skont eżenzjoni ġenerali ta' kategorija jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni."

10 L-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet tranżitorji" jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna li tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jekk l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe għanjnuna li ma tissodisfax dawk il-kundizzjonijiet tiġi evalwata mill-Kummissjoni skont l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi relevanti."

*Ir-Regolament 2015/1589*

11 L-Artikolu 1 tar-Regolament 2015/1589 jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'għajnuna' tfisser kull miżura li tissodisfa l-kriterja kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat- TFUE;

(b) 'għajnuna eżistenti' tfisser:
(i) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 144 u 172 tal-[Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja u dwar l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU 1994, C 241, p. 21, u ĠU 1995, L 1, p. 1)], għall-punt 3 u l-Appendiċi tal-Anness IV tal-[Att ta' Adeżjoni], għall-punti 2 u 3(b) u l-Appendiċi tal-Anness V tal-[Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 203)], kif ukoll għall-punti 2 u 3(b) u l-Appendiċi tal-Anness IV tal-[Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2012, L 112, p. 21)], l-għajnuna kollha li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-[Trattat FUE] fl-Istati Membri rispettivi, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li daħlu fis-seħħ qabel, u għadhom jgħoddu wara, id-dħul fis-seħħ tat-[Trattat FUE] fl-Istat Membri rispettiv;
(ii) għajnuna awtorizzata, li tfisser, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li kienu awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea];
(iii) għajnuna meqjusa awtorizzata skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jew l-Artikolu 4(6) ta' dan ir-Regolament, jew awtorizzata qabel ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 iżda f'konformità ma' din il-proċedura;
(iv) għajnuna meqjusa għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament;
(v) għajnuna meqjusa għajnuna eżisteni minħabba li jista' jiġi stabbilit li meta daħlet fis-seħħ ma kinitx għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq intern u mingħajr ma l-Istat Membru jkun għamel tibdil fiha. Fejn ċerti miżuri jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta' attività mil-liġi tal- Unjoni, dawk il-miżuri m'għandhomx jitqiesu li jkunu għajnuna eżistenti wara d-data stabbilita għall-liberalizzazzjoni;

(c) 'għajnuna ġdida' tfisser kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma jkunux għajnuna eżistenti, inkluż tibdil fl-għajnuna eżistenti;

[…]"

12 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Notifika ta' għajnuna ġdida", huwa fformulat kif ġej:

"1. Ħlief fejn imsemmi mod ieħor fir-regolamenti magħmula skont l-Artikolu 109 [TFUE] jew skont kull disposizzjoni oħra rilevanti tagħhom, kull pjan għall-għoti ta' għajnuna ġdida għandu jkun mgħarraf lill-Kummissjoni f'biżżejjed żmien mill-Istat Membru konċernat. Il-Kummisjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri mingħajr dewmien meta tirċievi in-notifika.

2. F'notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 4 u 9 […]"

13 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Klawsola ta' salvagwardja", jipprevedi:

"Għajnuna notifikabbli skont l-Artikolu 2(1) m'għandhiex tidħol fis-seħħ qabel ma l-Kummissjoni tkun ħadet, jew jitqies li tkun ħadet, deċiżjoni li tawtorizza dik l-għajnuna."

14 L-Artikolu 17 tal-istess regolament, intitolat "Perjodu ta' preskrizzjoni għall-irkupru tal-għajnuna", jipprovdi:

"1. Il-setgħat tal-Kummissjoni biex tirkupra l-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin.

2. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda dakinhar li fih l-għajnuna kontra l-liġi tingħata lill-benefiċjarju bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna taħt skema ta' għajnuna. Kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-għajnuna kontra l-liġi għandha tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni. Ma' kull interuzzjoni l-perjodu ta' preskrizzjoni jerġa' jibda jiddekorri mill-bidu. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jkun sospiż sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

3. Kull għajnuna li fir-rigward tagħha jkun skada l-perjodu ta' preskrizzjoni, għandha titqies li hi għajnuna eżistenti."

### *Id-dritt Latvjan*

15 L-Artikolu 40(1) tal-enerģētikas likums (il-Liġi dwar l-Enerġija), tat-3 ta' Settembru 1998 (*Latvijas Vēstnesis*, 1998, Nru 273), fil-verżjoni fis-seħħ matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju 2001 u s-7 ta' Ġunju 2005 (*Latvijas Vēstnesis, 2*001, Nru 83), jipprovdi:

"L-impriża tad-distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata tixtri mingħand l-impjanti żgħar tal-enerġija idroelettrika li jinsabu fiż-żona ta' awtorizzazzjoni tagħha u li l-kapaċità tagħhom ma taqbiżx iż-żewġ megawatts, bil-kundizzjoni li l-operat ta' dawn l-impjanti u tat-tagħmir tagħhom beda qabel l-1 ta' Jannar 2003, l-elettriku żejjed li l-imsemmija impjanti jipproduċu, wara li jkunu ssodisfatti l-bżonnijiet tagħhom stess u konformement mal-parametri nazzjonali ta' kwalità tal-elettriku, għal perijodu ta' tmien snin b'effett mill-bidu tal-operat tal-impjant tal-elettriku kkonċernat, bi prezz li jikkorrispondi għal darbtejn it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku. Il-prezz ta' tali akkwist jiġi mbagħad stabbilit mill-awtorità regolatorja".

16 L-Artikolu 30(1) tal-elektroenerģijas tirgus likums (il-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku), tal-5 ta' Mejju 2005 (*Latvijas Vēstnesis, 2*005, Nru 82), fil-verżjoni fis-seħħ matul il-perijodu bejn it-8 ta' Ġunju 2005 u l-31 ta' Diċembru 2014, jipprovdi:

"Il-produtturi li, għall-produzzjoni tal-elettriku, jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jkunu bdew l-attività tagħhom qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi għandhom ibiegħu l-elettriku lill-operatur pubbliku skont il-kundizzjonijiet dwar il-metodu ta' funzjonament, it-termini ta' provvista u l-prezzijiet li jkunu ġew applikati lilhom fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi."

17 L-Artikolu 30(3) ta' din il-liġi, fil-verżjoni fis-seħħ matul il-perijodu bejn it-8 ta' Ġunju 2005 u l-14 ta' Mejju 2008, jipprevedi:

"L-operatur pubbliku għandu jżomm reġistri separati tal-volum u tal-ispiża tal-elettriku mixtri konformement mal-modalitajiet iddefiniti fil-paragrafi 1 u 2 ta' din id-dispożizzjoni. Il-prezz ta' dan l-akkwist japplika għall-klijenti finali kollha tal-elettriku fil-Latvja *pro rata* għall-konsum tal-elettriku tagħhom, meta parti mill-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tinxtara mingħand l-operatur pubbliku jew meta l-ispiża li jġarrab dan tal-aħħar tkun is-suġġett ta' kumpens."

18 L-Artikolu 29(1) tal-likums "Par sabiedrisko pakalpojumu regulatoriem" (il-Liġi dwar l-Awtoritajiet Regolatorji tas-Servizzi Pubbliċi), tad-19 ta' Ottubru 2000 (*Latvijas Vēstnesis*, 2000, Nru 394), jipprovdi:

"Il-funzjonament tal-awtorità regolatorja huwa ffinanzjat mid-dħul mill-ġbir tat-tariffa tal-Istat biex jirregola s-servizzi pubbliċi (iktar 'il quddiem it-'tariffa tal-Istat') u mill-ħlasijiet għas-servizzi pprovduti mill-awtorità regolatorja, li huma previsti f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji oħra".

19 L-Artikolu 30 ta' din il-liġi jipprevedi:

"1. Sabiex jiżguraw ir-regolamentazzjoni tas-servizzi pubbliċi, il-fornituri kollha ta' servizzi pubbliċi fis-setturi rregolati għandhom iħallsu t-tariffa tal-Istat.

2. It-tariffa tal-Istat fis-setturi rregolati għandha titħallas lill-baġit tal-Istat u għandha tiġi kkreditata fil-kont tal-awtorità regolatorja lit-Teżor pubbliku. It-tariffa tal-Istat imħallsa fis-setturi rregolati hija intiża biss li tiżgura l-funzjonament ta' din l-awtorità."

**It-tilwima fil-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

20 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali joperaw impjanti idroelettriċi u jipproduċu għalhekk l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

21 Sas-7 ta' Ġunju 2005, l-Artikolu 40(1) tal-Liġi dwar l-Enerġija kien jipprovdi li l-produtturi tal-elettriku kellhom, taħt ċerti kundizzjonijiet, id-dritt li jbigħu l-eċċess ta' produzzjoni elettrika tagħhom lill-impriża ta' distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata bi prezz li jikkorrispondi għal darbtejn it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku.

22 Din id-dispożizzjoni kienet tapplika għar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali.

23 It-tariffa medja tal-elettriku kienet iddeterminata mill-Awtorità Regolatorja, organu indipendenti rregolat mid-dritt pubbliku maħluq mil-Liġi dwar l-Awtoritajiet Regolatorja tas-Servizzi Pubbliċi. Din l-awtorità regolatorja għandha personalità ġuridika tagħha, taġixxi b'mod awtonomu u tamministra l-baġit tagħha stess, li huwa approvat permezz ta' liġi.

24 Il-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ mit-8 ta' Ġunju 2005, emendat il-proċedura applikabbli għall-bejgħ mill-produtturi tal-elettriku tal-eċċess ta' produzzjoni b'tariffa miżjuda. Madankollu, l-Artikolu 30(1) ta' din il-liġi kien jipprevedi li l-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli li kienu diġà bdew l-attività tagħhom f'din id-data kienu ser iżommu l-benefiċċju tal-kundizzjonijiet preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezzijiet.

25 L-Awtorità Regolatorja interpretat din id-dispożizzjoni bħala li għandha l-effett li tiffriża, għal dawn il-produtturi, it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku fil-valur tagħha fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2005 u, għalhekk, ma baqgħetx taġġorna din it-tariffa. B'hekk, mit-8 ta' Ġunju 2005, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali biegħu l-eċċess tal-produzzjoni tagħhom bi prezz li jikkorrispondi għad-doppju tat-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku li kienet fis-seħħ dak iż-żmien peress li b'effett minn dik id-data l-Awtorità Regolatorja ma aġġornatx din it-tariffa.

26 Madankollu, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2010, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja) ikkunsidrat li t-terminu "prezz" użat fl-Artikolu 30(1) tal-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku kellu jinftiehem bħala mekkaniżmu għall-iffissar tal-prezzijiet, u mhux bħala prezz fiss, u li l-interpretazzjoni fis-sens li, wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku, l-Awtorità Regolatorja ma kinitx għadha kompetenti sabiex tiffissa t-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku, kienet żbaljata.

27 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali talbu lill-Awtorità Regolatorja tħallas "danni" bħala kumpens għat-telf imġarrab minħabba l-assenza ta' ffissar tat-tariffa kkonċernata b'effett mit-8 ta' Ġunju 2005. Id-dannu allegat jikkorrispondi għad-differenza bejn il-prezz imħallas lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali mill-operatur pubbliku u l-prezz li bih dan tal-aħħar kien ikollu jixtri l-elettriku mingħandhom li kieku t-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku kienet ġiet iffissata b'mod korrett għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2006 u t-30 ta' Novembru 2007 fir-rigward ta' DOBELES HES, u għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2006 u t-30 ta' Settembru 2008 fir-rigward ta' GM.

28 Wara r-rifjut tal-Awtorità Regolatorja li tħallashom is-somom korrispondenti, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, fl-2011, fetħu kawżi quddiem il-qorti amministrattiva. Permezz ta' sentenzi tal-31 ta' Mejju 2019 u tal-10 ta' Lulju 2019, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) laqgħet parzjalment it-talbiet ta' DOBELES HES u ta' GM u ordnat lill-Awtorità Regolatorja tħallashom is-somma ta' EUR 3 406.63 u dik ta' EUR 662.26 rispettivament. Madankollu, peress li qieset li dan kien jikkostitwixxi ħlas ta' għajnuna mill-Istat, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) issuġġettat il-ħlas ta' dawn is-somom għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni tkun ħadet, jew titqies li ħadet, deċiżjoni li tawtorizza tali għajnuna. Fil-mori tal-kawżi, hija kienet fil-fatt talbet opinjoni mingħand il-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, li kienet ingħatat f'dan is-sens fit-12 ta' Diċembru 2018.

29 L-Awtorità Regolatorja ppreżentat appell fil-kassazzjoni kontra dawn is-sentenzi quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha fiż-żewġ kawżi prinċipali u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, ifformulati b'mod identiku f'dawn iż-żewġ kawżi:

"(1) L-obbligu skont liema l-operatur pubbliku għandu jixtri l-elettriku minn produtturi li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla mill-prezz tas-suq, billi japprofittaw mill-obbligu skont liema l-konsumatur finali għandu jħallas prezz proporzjonali għall-konsum, għandu jitqies bħala intervent tal-Istat jew bħala għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE?

(2) Il-kunċett ta' 'liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku' għandu jiġi interpretat fis-sens li wieħed jista' jqis li l-liberalizzazzjoni tkun diġà seħħet fid-dawl ta' ċerti elementi ta' kummerċ ħieles, bħal kuntratti konklużi mill-operatur pubbliku ma' fornituri ta' Stati Membri oħrajn? Jista' wieħed iqis li l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku tibda minn meta l-liġi tagħti lil parti mill-utenti tal-elettriku (bħall-utenti tal-elettriku konnessi man-network tat-trasport jew

l-utenti tal-elettriku mhux residenzjali konnessi man-network ta' distribuzzjoni) id-dritt li jibdlu l-fornitur tal-elettriku? L-evoluzzjoni tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-elettriku fil-Latvja, b'mod partikolari s-sitwazzjoni qabel is-sena 2007, għandha effett fuq l-evalwazzjoni tal-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku, fid-dawl tal-Artikolu 107(1) TFUE (risposta għall-ewwel domanda)?

(3) Jekk ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li l-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-fatt li r-rikorrenti attwalment topera f'suq tal-elettriku lliberalizzat u li l-ħlas tad-danni jagħtiha, preżentement, vantaġġ meta mqabbla ma' operaturi oħrajn fis-suq inkwistjoni jwassal sabiex id-danni jiġu assimilati mal-għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE?

(4) Jekk ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li l-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, it-talba tar-rikorrenti intiża li tikseb kumpens għad-danni għat-telf subit minħabba l-eżerċizzju inkomplet tad-dritt legali għal ħlas ogħla għall-elettriku prodott għandha, fil-kuntest tal-eżami tal-għajnuna mill-Istat previst fl-Artikolu 107 TFUE, tiġi assimilata għal talba ta' għoti ta' għajnuna mill-Istat ġdida jew għal talba għal ħlas ta' parti tal-għajnuna mill-Istat mhux miġbura qabel?

(5) Jekk ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun fis-sens li t-talba tar-rikorrenti għandha titqies fil-kuntest taċ-ċirkustanzi preċedenti bħala talba ta' ħlas ta' parti mill-għajnuna mill-Istat mhux miġbura qabel, mill-Artikolu 107(1) TFUE jirriżulta li, biex issir deċiżjoni preżentement dwar il-ħlas ta' tali għajnuna mill-Istat, huwa neċessarju li tiġi eżaminata s-sitwazzjoni attwali tas-suq u li tittieħed inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni fis-seħħ (inklużi restrizzjonijiet attwali fil-qasam ta' kumpens żejjed)?

(6) Il-fatt li, kuntrarjament għall-impjanti tal-enerġija idroelettrika, l-impjanti tal-enerġija eolika ikunu bbenefikaw, fil-passat, minn għajnuna kompleta huwa rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE?

(7) Il-fatt li hija biss parti mill-impjanti tal-enerġija idroelettrika li bbenefikaw minn għajnuna inkompleta li hija fil-preżent ikkumpensata huwa rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE?

(8) L-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament [Nru 1407/2013] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kriterji previsti għall-għajnuna *de minimis* huma applikabbli għall-għajnuna inkwistjoni f'din il-kawża sa fejn l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-limitu *de minimis*? L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1407/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'din il-kawża, il-fatt li t-telf inkwistjoni jiġi kklassifikat bħala għajnuna de minimis jista' jagħti lok għal kumulu pprojbit, fid-dawl tal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SA.43140 [tal-24 ta' April 2017 – Sostenn għall-enerġiji rinnovabbli u għall-koġenerazzjoni fil-Latvja (NN/2015) (ĠU 2017, C 176, p. 2)] sabiex jiġi evitat kumpens żejjed?

(9) Jekk l-għoti/il-ħlas ta' għajnuna mill-Istat huwa stabbilit f'din il-kawża, l-Artikolu 1(b) u (c) tar-Regolament [2015/1589], għandu jiġi interpretat fis-sens li ċirkustanzi bħal dawk ikkonstatati f'din il-kawża jikkorrispondu mal-għoti ta' għajnuna mill-Istat ġdida, u mhux mal-għoti ta' għajnuna mill-Istat eżistenti?

(10) Jekk ir-risposta għad-disa’ domanda hija fl-affermattiv, l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjoni tar-rikorrenti hijiex assimilata għall-għoti ta’ għajnuna eżistenti tat-tip imsemmi fl-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589 jimplika li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biss id-data tal-ħlas effettiv tal-għajnuna bħala l-bidu tad-dekorrenza ta’ preskrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2015/1589?

(11) Jekk l-għoti/il-pagament ta’ għajnuna mill-Istat huwa stabbilit, l-Artikolu 108(3) TFUE u l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3 tar-Regolament 2015/1589 għandhom jiġu interpretati fis-sens li modalitajiet ta’ notifika tal-għajnuna mill-Istat bħal dawk inkwistjoni f’din il-kawża huma ġġustifikati meta l-qorti nazzjonali tilqa’ talba għad-danni bil-kundizzjoni li tkun ġiet irċevuta deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkun awtorizzat l-għajnuna, u li hija tordna lill-Ministeru għall-Ekonomija li jinnotifika lill-Kummissjoni l-għajnuna għall-attivitajiet kummerċjali f’terminu ta’ xahrejn sa mid-data tal-għoti tas-sentenza?

(12) Il-fatt li jintalbu danni minn awtorità pubblika ([l-Awtorità Regolatorja]) li qatt ma kellha tkun responsabbli għall-ħlas ta’ tali spejjeż u li l-baġit tagħha jinkludi t-tariffi tal-Istat imħallsa mill-fornituri ta’ servizzi pubbliċi tas-setturi rregolati, li huma intiżi biss li jiġi żgurat il-funzjonament tal-awtorità regolatorja, huwa rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE?

(13) Modalitajiet ta’ kumpens bħal dawk inkwistjoni f’din il-kawża huma kompatibbli mal-prinċipji li jirregolaw is-setturi rregolati li huma stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, inklużi l-Artikolu 12 u l-premessa 30 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi [(id-Direttiva dwar l-awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337)], kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 [(ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8)]?”

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

30 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-impriża ta’ distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata tixtri l-elettriku prodott minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq u li tipprevedi li l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn dan għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta’ imposta obbligatorja sostnuta mill-konsumaturi finali tikkostitwixxi intervent “permezz ta’ riżorsi tal-Istat”, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni.

31 Għandu jitfakkar li l-klassifikazzjoni bħala “għajnuna mill-Istat”, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, teħtieġ li jkunu ssodisfatti erba’ kundizzjonijiet, jiġifieri, li jkun hemm intervent mill-Istat jew “permezz ta’ riżorsi tal-Istati”, li dan l-intervent ikun jista’ jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, li l-imsemmi intervent jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u li l-istess intervent joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tat-2 ta’ Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et*, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 57 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 L-ewwel domanda preliminari tirrigwarda biss l-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, skont ġurisprudenza stabbilita, miżura tista' tiġi kklassifikata bħala intervent mill-Istat jew bħala għajnuna mogħtija "permezz ta' riżorsi tal-Istat" jekk, minn naħa, il-miżura tingħata direttament jew indirettament permezz ta' dawn ir-riżorsi u, min-naħa l-oħra, il-miżura tkun imputabbli lil Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et*, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kundizzjoni marbuta mal-imputabbiltà lil Stat Membru, għandu jiġi kkonstatat li l-mekkaniżmu ta' kumpens inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ġie stabbilit permezz ta' liġi u li għalhekk huwa imputabbli lill-Istat Membru kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Vent de colère!, C-262/12, EU:C:2013:851, punt 18, u tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 50).

34 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kundizzjoni li l-vantaġġ jingħata "permezz ta' riżorsi tal-Istat", li dwarha tistaqsi preċiżament il-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ammonti li jirriżultaw mis-suppliment fil-prezz impost mill-Istat fuq ix-xerrejja ta' elettriku huma simili għal taxxa imposta fuq l-elettriku u joriġinaw minn "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et*, C-206/06, EU:C:2008:413, punti 47 u 66).

35 B'hekk, fondi għandhom jitqiesu li huma "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, meta joriġinaw minn kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat u meta jkunu amministrati u mqassma konformement ma' din il-liġi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Vent de Colère!, C-262/12, EU:C:2013:851, punt 25). Għaldaqstant, huwa irrilevanti li l-mekkaniżmu ta' finanzjament ma jaqax, fis-sens strett, taħt il-kategorija ta' imposti ta' natura fiskali fid-dritt nazzjonali (sentenza tas-16 ta' Settembru 2021, FVE Holýšov I *et*, C-850/19 P, EU:C:2021:740, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

36 Għall-kuntrarju, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 36 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li l-piż finanzjarju tal-imposta jkun sostnut fil-fatt minn kategorija ddefinita ta' persuni ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li l-fondi li jirriżultaw minn din l-imposta għandhom in-natura ta' "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Huwa meħtieġ ukoll li l-imsemmija imposta tkun obbligatorja skont id-dritt nazzjonali.

37 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma huwiex biżżejjed li l-operaturi ta' networks jgħaddu, fuq il-prezz ta' bejgħ tal-elettriku lill-klijenti finali tagħhom, l-ispejjeż addizzjonali kkawżati mill-obbligu tagħhom li jixtru l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bit-tariffi stabbiliti fil-liġi kemm-il darba dan il-kumpens jirriżulta biss minn prattika u mhux minn obbligu legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-405/16 P, EU:C:2019:268, punti 70 u 71).

38 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-fondi pprovduti minn taxxa jew minn imposti obbligatorji oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u amministrati u mqassma konformement ma' din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxu "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

39 Madankollu, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 49 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kriterju msemmi fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza ma huwiex l-uniku wieħed li jippermetti li jiġu identifikati "riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Il-fatt li somom jibqgħu kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali

kompetenti, huwa biżżejjed sabiex jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat" (sentenzi tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, C-482/99, EU:C:2002:294, punt 37, u tal-21 ta' Ottubru 2020, Eco TLC, C-556/19, EU:C:220:844, punt 36).

40 F'dan il-każ, mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-ispiża addizzjonali li jirrappreżenta għall-impriża ta' distribuzzjoni approvata x-xiri tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz li jikkorrispondi għal darbtejn it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku hija ffinanzjata, skont il-leġiżlazzjoni Latvjana kkonċernata, minn imposta obbligatorju sostnuta mill-utenti finali kollha b'mod proporzjonali għall-konsum tagħhom.

41 Barra minn hekk, skont l-indikazzjonijiet ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mill-Gvern Latvjan waqt is-seduta, il-fondi li jirriżultaw minn din l-imposta jinġabru, jiġu amministrati u jitqassmu minn kumpannija miżmuma kompletament mill-Istat Membru kkonċernat u ma jistgħux jintefqu għal finijiet oħra għajr dawk previsti fil-liġi, jiġifieri għall-kumpens tal-ispiża addizzjonali msemmija fil-punt preċedenti. Dawn il-fondi b'hekk jibqgħu kontinwament taħt kontroll pubbliku.

42 Minn dan isegwi li, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, il-fondi li permezz tagħhom jingħata vantaġġ tariffarju, skont il-leġiżlazzjoni Latvjana kkonċernata, lill-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, fid-dawl taż-żewġ kriterji alternattivi ta' dan il-kunċett imfakkra fil-punti 38 u 39 ta' din is-sentenza.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda preliminari hija li l-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-impriża ta' distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata tixtri l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq u li tipprevedi li l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn dan għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' imposta obbligatorja sostnuta mill-konsumaturi finali jew li tipprevedi li l-fondi użati sabiex jiġu ffinanzjati dawn l-ispejjeż addizzjonali jibqgħu b'mod kostanti taħt kontroll pubbliku tikkostitwixxi intervent "permezz ta' riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

### *Fuq it-tieni domanda*

44 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li l-klassifikazzjoni ta' vantaġġ bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, hija suġġetta għall-kundizzjoni li s-suq ikkonċernat ikun qabel ġie kompletament illiberalizzat u, f'dan il-każ, liema huma l-elementi li jippermettu li tiġi ddatata l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fil-Latvja.

45 Skont il-Gvern Latvjan, din id-domanda għandha tiġi ddikjarata inammissibbli peress li ma jistax ikollha effett fuq is-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawżi prinċipali. Fil-fatt, is-somom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jissodisfaw il-kriterji ta' għajnuna mill-Istat indipendentement mid-data tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku kkonċernat.

46 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq it-tilwima u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, meta d-domandi magħmula jkunu dwar l-interpretazzjoni ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti

tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et*, C-62/14, EU:C:2015:400, punt 24, kif ukoll tas-7 ta' Frar 2018, American Express, C-304/16, EU:C:2018:66, punt 31).

47 Minn dan isegwi li d-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et*, C-62/14, EU:C:2015:400, punt 25, kif ukoll tas-7 ta' Frar 2018, American Express, C-304/16, EU:C:2018:66, punt 32).

48 F'dan il-każ, it-tieni domanda preliminari tirrigwarda l-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, u tibbenefika għaldaqstant mill-preżunzjoni ta' rilevanza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

49 Din il-preżunzjoni ta' rilevanza ma tistax tiġi kkonfutata f'dan il-każ. Fil-fatt, huwa paċifiku li t-tilwima fil-kawżi prinċipali tirrigwarda l-klassifikazzjoni bħala għajnuna tal-vantaġġ tariffarju mogħti lill-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli skont il-leġiżlazzjoni Latvjana kkonċernata. Issa, kif issostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, l-assenza ta' liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku jista' jkollha effett fuq il-kundizzjonijiet ta' din il-klassifikazzjoni li jirrigwardaw il-fatt li l-intervent ikkonċernat jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li dan l-intervent joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 31 ta' din is-sentenza.

50 Minn dan isegwi li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Gvern Latvjan għandha tiġi miċħuda.

51 F'dak li jirrigwarda l-influwenza tal-liberalizzazzjoni tas-suq ikkonċernat fuq l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' għajnuna, għandu jitfakkar li għajnuna mill-Istat tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u tista' toħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni anki meta s-suq ikkonċernat ikun biss parzjalment miftuħ għall-kompetizzjoni. Huwa biżżejjed li, fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' miżura ta' għajnuna, ikun hemm sitwazzjoni ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq ikkonċernat sabiex intervent tal-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat ikun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri u jkun jista' joħloq distorsjoni jew jista' jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-387/17, EU:C:2019:51, punti 39 u 40).

52 Minn dan isegwi li vantaġġ mogħti lil ċerti impriżi jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u jista' joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni sa minn qabel il-liberalizzazzjoni sħiħa ta' dan is-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA, C-140/09, EU:C:2010:335, punt 49).

53 Għaldaqstant, id-data tal-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq tal-elettriku fil-Latvja hija irrilevanti sabiex jiġi evalwat jekk l-għajnuna pprovduta mill-operatur pubbliku f'dan l-Istat Membru permezz tax-xiri tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq għandhiex tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda preliminari hija li l-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-klassifikazzjoni ta' vantaġġ bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li s-suq ikkonċernat ikun qabel ġie kompletament illiberalizzat.

### *Fuq it-tielet domanda*

55 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li l-vantaġġ mogħti lill-produtturi tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli skont il-leġiżlazzjoni Latvjana rilevanti ma jikkostitwixxix "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-ħlas tas-somom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jista' jikkostitwixxi, għall-kuntrarju, il-ħlas ta' "għajnuna" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

56 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti tat-tilwima fil-kawżi prinċipali jew sabiex tapplika r-regoli tal-Unjoni li hija tkun interpretat għal miżuri jew għal sitwazzjonijiet nazzjonali, peress li dawn il-kwistjonijiet jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti nazzjonali (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA, C-140/09, EU:C:2010:335, punt 22 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex, b'mod partikolari, ġurisdizzjoni sabiex tiddetermina jekk is-somom inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

58 Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni u li jistgħu jippermettulha tevalwa l-konformità ta' miżura nazzjonali ma' dan id-dritt sabiex tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha. Fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'mod partikolari, tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-punti ta' interpretazzjoni li jippermettulha tiddetermina jekk miżura nazzjonali tistax tiġi kklassifikata bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA, C-140/09, EU:C:2010:335, punt 24 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-għajnuna pubblika, li tikkostitwixxi miżuri tal-awtorità pubblika li jiffavorixxu ċerti impriżi jew ċerti prodotti, hija ta' natura legali fundamentalment differenti mid-danni li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu, eventwalment, ikkundannati jħallsu lil individwi, bħala kumpens għad-dannu li jkunu kkawżawlhom. Barra minn hekk, id-danni ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Asteris *et*, 106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457, punti 23 u 24).

60 Għall-kuntrarju, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 69 u 70 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa irrilevanti, sabiex jiġi ddeterminat jekk somom jikkorrispondux għal "għajnuna mill-Istat", li r-rikorsi intiżi sabiex jinkiseb il-ħlas tagħhom jiġu kklassifikati bħala "talbiet għal kumpens" jew bħala "talbiet għad-danni" skont id-dritt nazzjonali.

61 F'dan il-każ, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li r-rikorsi ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kontra l-Awtorità Regolatorja quddiem il-qorti amministrattiva Latvjana huma intiżi li jiksbu l-ħlas ta' somom li huma jqisu li huma dovuti lilhom skont l-Artikolu 40(1) tal-Liġi dwar l-Enerġija, li huma jqisu li kienu baqgħu jibbenefikaw minnu wara

s-sena 2005, skont l-Artikolu 30(1) tal-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku. Fil-fatt, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2010, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) ikkunsidrat li, minħabba żball ta' interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 30(1), l-Awtorità Regolatorja kienet naqset b'mod żbaljat milli taġġorna l-prezz tax-xiri tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'effett mit-8 ta' Ġunju 2005.

62 Għall-kuntrarju, mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju ma jirriżultax li s-somom inkwistjoni fil-kawżi prinċipali għandhom in-natura ta' "danni", fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 59 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma jitolbux kumpens għal dannu distint minn dak li jikkonsisti fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ tal-vantaġġ li huma jqisu li kellhom dritt għalih skont il-leġiżlazzjoni Latvjana kkonċernata bejn is-sena 2006 u s-sena 2008. Mill-banda l-oħra, kien ikun differenti li kieku r-rikorsi fil-kawżi prinċipali kellhom bħala għan il-kumpens għad-dannu sussegwenti għal dan in-nuqqas ta' ħlas.

63 Minn dan isegwi li s-somom inkwistjoni fil-kawżi prinċipali huma tal-istess natura bħal dawk diġà miksuba bejn is-sena 2006 u s-sena 2008 mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, b'applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, u li dawn tal-aħħar qegħdin jitolbu biss ir-rettifika tal-ammont tagħhom.

64 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat" ta' somom bħal dawk mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, abbażi tal-leġiżlazzjoni Latvjana rilevanti, tiddependi minn jekk il-vantaġġ mogħti lill-produtturi tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli skont din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxix fih innifsu għajnuna mill-Istat.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tkun stabbilixxiet "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-ħlas ta' somma mitluba quddiem qorti skont din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxi wkoll tali għajnuna.

### *Fuq ir-raba' domanda*

66 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li l-vantaġġ tariffarju mogħti lill-impriżi li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, it-talbiet tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali għandhom jitqiesu bħala talbiet għall-ħlas tal-parti minn din l-għajnuna mill-Istat mhux imħallsa jew bħala talbiet intiżi għall-għoti mill-qorti adita ta'għajnuna mill-Istat distinta.

67 F'dan ir-rigward, mill-punti 61 sa 63 ta' din is-sentenza jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali huma intiżi li jiksbu l-ħlas ta' parti mill-vantaġġ tariffarju mogħti lill-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli li huma jqisu li huwa dovut lilhom skont il-leġiżlazzjoni Latvjana fis-seħħ bejn is-sena 2006 u s-sena 2008.

68 Għaldaqstant, jekk dan il-vantaġġ tariffarju jikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, it-talbiet tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jikkorrispondu għal talba għall-ħlas ta' parti minn din l-għajnuna mill-Istat.

69 Madankollu, skont il-Kummissjoni, is-somom mogħtija mill-qorti nazzjonali lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat distinta mill-vantaġġ tariffarju stabbilit mil-leġiżlazzjoni Latvjana kkonċernata.

70 Insostenn tal-argument tagħha, il-Kummissjoni ssostni, l-ewwel nett, li l-bażi legali tal-"għajnuna mill-Istat" mogħtija lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fis-sentenzi tal-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) ma hijiex il-Liġi dwar l-Enerġija, iżda s-sentenzi ta' dik il-qorti stess.

71 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dawn is-sentenzi, l-imsemmija qorti tat is-somom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali billi applikat b'mod espliċitu l-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku kif interpretata mil-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali).

72 Sussegwentement, filwaqt li tibbaża ruħha fuq il-punt 17 tas-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-81/10 P, EU:C:2011:811), il-Kummissjoni tqis, b'mod ġenerali, li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, huwa irrilevanti jekk għajnuna mill-Istat tingħatax minn qorti jew minn awtorità oħra, b'mod partikolari minn awtorità amministrattiva. Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat huma ddefiniti oġġettivament mill-effetti tagħhom u mhux mill-kawżi jew mill-għanijiet tagħhom. Issa, li kieku għajnuna mill-Istat ma tkunx tista' tingħata minn qorti nazzjonali, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" ma jkunx iddefinit "oġġettivament", skont l-effetti tal-miżura kkonċernata, iżda "suġġettivament", skont l-awtorità pubblika li adottatha.

73 Madankollu, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, li tistabbilixxi li l-"għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, hija kkaratterizzata mill-effetti tagħha u mhux mill-għanijiet tagħha, ma tfissirx madankollu li għajnuna mill-Istat hija ddefinita b'mod eżawrjenti mill-effetti tagħha, bl-esklużjoni ta' kull kriterju ieħor. Fil-fatt, għajnuna mill-Istat hija ddefinita wkoll min-natura tagħha, jekk xejn għaliex tingħata "permezz ta' riżorsi tal-Istat", kif jipprevedi espressament l-Artikolu 107(1) TFUE. Għaldaqstant, il-ġurisprudenza ċċitata mill-Kummissjoni ma għandhiex il-portata li tagħtiha din l-istituzzjoni. B'mod partikolari, minn din il-ġurisprudenza ma tista' tinstilet ebda konklużjoni dwar il-possibbiltà li qorti nazzjonali tagħti għajnuna mill-Istat.

74 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinvoka s-sentenza tal-4 ta' Marzu 2020, Buonotourist vs Il-Kummissjoni (C-586/18 P, EU:C:2020:152), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, skont il-Kummissjoni, li r-Repubblika Taljana kienet, permezz ta' sentenza tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), tat lil fornitur ta' servizzi ta' trasport bix-xarabank għajnuna mill-Istat li tikkonsisti f'kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku tiegħu.

75 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat biss, kif jirriżulta mill-punt 97 tagħha, li l-miżura ta' għajnuna inkwistjoni "kienet is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat)". Issa, għalkemm il-qorti nazzjonali tista', jekk ikun il-każ, tagħti sentenza li minnha jirriżulta li waħda mill-partijiet għandha, skont id-dritt nazzjonali, tirċievi somma li tikkorrispondi għal għajnuna mill-Istat, dan bl-ebda mod ma jfisser li, f'dan il-każ, hija l-qorti nazzjonali stess li tagħti din l-għajnuna. Tali sentenza għandha biss l-effett, bis-saħħa tal-awtorità ta' *res judicata*, li tobbliga lill-parti l-oħra, ġeneralment l-awtorità amministrattiva kompetenti, tipproċedi għall-ħlas tal-imsemmija għajnuna. B'hekk, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2020, Buonotourist vs Il-Kummissjoni (C-586/18 P, EU:C:2020:152), il-kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku kien previst f'deċiżjoni tal-awtoritajiet Taljani, kif jirriżulta mill-punt 17 ta' dik is-sentenza.

76 Fi kwalunkwe każ, l-istabbiliment, bħala tali, ta' għajnuna mill-Istat ma jistax joħroġ minn deċiżjoni ġudizzjarja. Fil-fatt, dan l-istabbiliment ta' għajnuna mill-Istat jaqa' taħt evalwazzjoni ta' opportunità li ma taqax taħt il-kompetenza tal-qorti.

77 Għandu jingħad ukoll li l-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat hija bbażata fuq obbligu ta' kooperazzjoni leali bejn, minn naħa, il-qrati nazzjonali, u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni u l-qrati tal-Unjoni, kooperazzjoni li fil-kuntest tagħha kull waħda minnhom taġixxi skont ir-rwol mogħti lilha mit-Trattat FUE. Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u għandhom joqogħdu lura milli jieħdu dawk li jistgħu jqiegħdu f'perikolu l-kisba tal-għanijiet tat-Trattat, kif jirriżulta mill-Artikolu 4(3) TUE (sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punt 41).

78 Għaldaqstant, għalkemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tistabbilixxi vantaġġ li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-somom allokati lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) ma jistgħux fi kwalunkwe każ jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat distinti minn dan il-vantaġġ.

79 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda hija li l-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi dritt legali għal ħlas miżjud għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, talbiet ġudizzjarji intiżi li jinkiseb il-benefiċċju sħiħ ta' dan id-dritt għandhom jitqiesu li huma talbiet għall-ħlas tal-parti minn din l-għajnuna mill-Istat mhux imħallsa, u mhux bħala talbiet intiżi għall-għoti mill-qorti adita ta' għajnuna mill-Istat distinta.

### *Fuq il-ħames domanda*

80 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li t-talbiet inkwistjoni fil-kawżi prinċipali għandhom jitqiesu bħala talbiet għall-ħlas tal-parti tal-għajnuna mill-Istat mhux imħallsa, dan il-ħlas għandu jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tas-suq tal-elettriku u l-istat tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fid-data li fiha jseħħ, inklużi r-restrizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-kumpens żejjed.

81 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-domanda preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrigwarda interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tissodisfa bżonn oġġettiv tad-deċiżjoni li l-qorti nazzjonali għandha tieħu (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Settembru 2016, Velikova, C-228/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:641, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

82 Għandu jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanzi msemmija fil-ħames domanda preliminari jirrigwardaw, essenzjalment, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni fil-kawżi prinċipali mas-suq intern, fl-eventwalità li dawn il-miżuri jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna jew ta' skema ta' għajnuna mas-suq intern taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni, li taġixxi suġġetta għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni (sentenzi tat-23 ta' Marzu 2006, Enirisorse, C-237/04, EU:C:2006:197, punt 23, u tas-27 ta' Jannar 2022, Fondul Proprietatea, C-179/20, EU:C:2022:58, punt 83 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, din id-domanda hija manifestament nieqsa minn kull utilità għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawżi prinċipali.

83 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ħames domanda hija ammissibbli.

*Fuq is-sitt u s-seba' domanda*

84 Permezz tas-sitt u tas-seba' domanda preliminari, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk, minn naħa, il-fatt li l-impjanti tal-enerġija eolika, kuntrarjament għall-impjanti tal-enerġija idroelettrika, ibbenefikaw minn għajnuna sħiħa fil-passat u, min-naħa l-oħra, il-fatt li hija biss parti mill-produtturi tal-enerġija idroelettrika li ġew ikkumpensati, humiex rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

85 Għandu jitfakkar li n-neċessità li wieħed jasal għal interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teħtieġ li din tal-aħħar tiddefinixxi l-kuntest fattwali u regolamentari tad-domandi li hija tagħmel jew li, minn tal-inqas, tispjega l-ipoteżijiet fattwali li fuqhom ikunu bbażati dawn id-domandi. Fil-fatt, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha biss is-setgħa li tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni ta' test tal-Unjoni abbażi tal-fatti indikati lilha mill-qorti nazzjonali (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, Balgarska energiyna borsa, C-347/16, EU:C:2017:816, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan ir-rekwiżit ta' preċiżjoni japplika b'mod iktar partikolari fil-qasam tal-kompetizzjoni, li huwa kkaratterizzat minn sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt kumplessi (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, Balgarska energiyna borsa, C-347/16, EU:C:2017:816, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 Għandu jiġi enfasizzat li l-informazzjoni pprovduta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju ma sservix biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli, iżda sservi wkoll sabiex tagħti lill-Gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet interessi l-oħra l-possibbiltà li jippreżentaw b'mod utli osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari huma previsti b'mod espliċitu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-qorti tar-rinviju hija meqjusa, fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li għandha konjizzjoni tiegħu u li għandha tosserva bir-reqqa (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, Balgarska energiyna borsa, C-347/16, EU:C:2017:816, punti 58 u 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

88 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni tar-rinviju, li kull ma tagħmel huwa, essenzjalment, li tinvoka ċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt 84 ta' din is-sentenza, ma tinkludix spjegazzjonijiet fir-rigward tar-raġunijiet għaliex il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rilevanza ta' dawn iċ-ċirkustanzi fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

89 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sitt u s-seba' domanda għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli.

*Fuq it-tmien domanda*

90 Permezz tat-tmien domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk ir-Regolament Nru 1407/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kriterji previsti għall-għajnuna *de minimis* huma applikabbli għall-għajnuna inkwistjoni fil-kawżi prinċipali sa fejn l-ammont ta' din tal-aħħar ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament.

91 Għalkemm, kif tfakkar fil-punt 82 ta' din is-sentenza, il-qrati nazzjonali ma għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar il-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat mas-suq intern, huma għall-kuntrarju jistgħu jiġu aditi b'tilwimiet li jobbligawhom jinterpretaw u japplikaw

il-kunċett ta' "għajnuna", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, b'mod partikolari sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura statali stabbilita mingħajr ma tittieħdet inkunsiderazzjoni l-proċedura ta' kontroll minn qabel prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE kellhiex jew le tiġi suġġetta għaliha (sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini, C-119/05, EU:C:2007:434, punt 50, u tas-26 ta' Ottubru 2016, DEI u Il-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados, C-590/14 P, EU:C:2016:797, punt 98). B'hekk, qorti nazzjonali jaf ikollha tevalwa jekk għajnuna mill-Istat taqax taħt ir-regoli derogatorji tal-għajnuna *de minimis*, li ma hijiex suġġetta għall-obbligu ta' komunikazzjoni previst f'dan l-Artikolu 108(3).

92 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1407/2013 għat-tilwima fil-kawżi prinċipali minħabba l-ammont modest tas-somom allokati lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali mill-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, jiġifieri s-somma ta' EUR 3 406.63 u dik ta' EUR 662.26 rispettivament. Madankollu, skont l-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament, il-limitu massimu tal-għajnuna *de minimis* għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-għajnuna diġà mogħtija "fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli" jew fir-rigward tal-"istess miżura ta' finanzjament tar-riskju". Issa, kif ġie espost fil-punti 63 u 67 ta' din is-sentenza, is-somom allokati lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jikkorrispondu għal rettifika tal-ammont totali tas-somom diġà mħallsa u li għadhom mitluba minn dawn tal-aħħar bejn is-sena 2006 u s-sena 2008 skont l-Artikolu 30(1) tal-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku. Għaldaqstant, huwa fir-rigward tal-ammont totali tas-somom diġà mħallsa u tas-somom li għadhom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fuq din il-bażi matul il-perijodu ta' referenza li, jekk jitqies li din hija għajnuna mill-Istat, għandha tiġi evalwata n-natura *de minimis* tal-għajnuna inkwistjoni fil-kawżi prinċipali.

93 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għat-tmien domanda preliminari hija li r-Regolament Nru 1407/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-osservanza tal-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-ammont tal-għajnuna mitluba skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti flimkien ma' dak tal-ħlasijiet diġà mħallsa matul il-perijodu ta' referenza taħt din il-leġiżlazzjoni.

### *Fuq id-disa' u l-għaxar domanda*

94 Permezz tad-disa' u tal-għaxar domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 1(b) u (c) tar-Regolament 2015/1589 għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li s-somom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jikkorrispondu għal għajnuna mill-Istat, din l-għajnuna għandha tiġi kklassifikata bħala "ġdida" jew bħala "eżistenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, b'mod partikolari, jekk dawn is-somom jistgħux jitqiesu bħala "għajnuna eżistenti", skont l-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589.

95 Kif ġie indikat fil-punti 62 u 63 ta' din is-sentenza, is-somom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jirrappreżentaw parti mill-vantaġġ tariffarju li huma jqisu li huwa dovut lilhom fil-kwalità tagħhom ta' produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, skont il-leġiżlazzjoni Latvjana fis-seħħ bejn is-sena 2006 u s-sena 2008. Dawn is-somom huma, għaldaqstant, tal-istess natura bħal dan il-vantaġġ tariffarju.

96 Huwa għalhekk li l-kwistjoni ta' jekk is-somom inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhomx jiġu kklassifikati bħala "għajnuna ġdida" jew bħala "għajnuna eżistenti" tiddependi mill-kwistjoni ta' liema waħda minn dawn iż-żewġ klassifikazzjonijiet għandha tingħata lill-imsemmi vantaġġ tariffarju, li miegħu huma marbuta dawn is-somom, fl-ipoteżi li l-istess vantaġġ jiġi kklassifikat bħala "għajnuna mill-Istat".

97 Fir-rigward ta' kwistjoni ta' klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti tar-rinviju, għandu jitfakkar li l-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa biss li tagħti lil dik il-qorti l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom jiġu applikati minn din tal-aħħar.

98 L-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2015/1589 jipprevedi li għandha titqies bħala "għajnuna ġdida" "kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma jkunux għajnuna eżistenti, inkluż tibdil fl-għajnuna eżistenti". Għalhekk, sabiex għajnuna mill-Istat titqies li hija "għajnuna ġdida", għandu jiġi stabbilit li din ma hijiex "għajnuna eżistenti", fis-sens tal-Artikolu 1(b) tar-Regolament 2015/1589, li jiddistingwi bejn diversi kategoriji ta' għajnuna eżistenti.

99 Fl-ewwel lok, l-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament 2015/1589 jidentifika bħala "għajnuna eżistenti" "skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li daħlu fis-seħħ qabel, u għadhom jgħoddu wara, id-dħul fis-seħħ tat-[Trattat FUE] fl-Istat Membri rispettiv".

100 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-vantaġġ tariffarju favur produtturi tal-idroelettriku stabbilit fl-Artikolu 40(1) tal-Liġi dwar l-Enerġija qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Latvja mal-Unjoni ġie estiż bl-Artikolu 30(1) tal-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku.

101 Madankollu, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament 2015/1589, din id-dispożizzjoni tapplika "mingħajr preġudizzju għall-[...]Appendiċi tal-Anness IV tal-[Att ta' Adeżjoni]". Issa, mit-tieni subparagrafu tal-punt 3(1) ta' dan l-Anness IV jirriżulta li kull miżura li tibqa' tapplika wara d-data tal-adeżjoni li hija għajnuna pubblika għandha titqies li hija għajnuna ġdida, sakemm ma tkunx ġiet implimentata qabel l-10 ta' Diċembru 1994, ma tkunx miżura ta' għajnuna elenkata fl-Appendiċi tal-imsemmi Anness IV jew sakemm ma tkunx ġiet ikkomunikata mill-Kummissjoni mingħajr ma din tkun qajmet oġġezzjoni minħabba dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern.

102 F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti ma hijiex imsemmija fl-Appendiċi tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni u mit-talba għal deċiżjoni preliminari ma jirriżultax li l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet ġiet implimentata qabel l-10 ta' Diċembru 1994 u lanqas li kienet ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni bħala skema ta' għajnuna.

103 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-vantaġġ tariffarju stabbilit permezz tal-Liġi dwar l-Enerġija u estiż permezz tal-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku ma jistax, jekk jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, jiġi kklassifikat bħala "għajnuna eżistenti", fis-sens tal-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament 2015/1589, punt dan li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

104 Fit-tieni lok, l-Artikolu 1(b)(ii) u (iii) tar-Regolament 2015/1589 jidentifika bħala "għajnuna eżistenti" "għajnuna awtorizzata, li tfisser, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li kienu awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill" jew li hija "meqjusa awtorizzata" mill-Kummissjoni. Issa, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-vantaġġ tariffarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma ġiex awtorizzat, la mill-Kunsill u lanqas mill-Kummissjoni, u

lanqas ma jista' jitqies li ġie awtorizzat minn din tal-aħħar peress li ma ġiex ikkomunikat lilha. Għaldaqstant, dan il-vantaġġ, li kieku kellu jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, lanqas ma jista' jitqies bħala "għajnuna eżistenti", fis-sens tal-Artikolu 1(b)(ii) u (iii) tar-Regolament 2015/1589, punt dan li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

105 Fit-tielet lok, tikkostitwixxi wkoll "għajnuna eżistenti", skont l-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589, "għajnuna meqjusa għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 [tar-Regolament 2015/1589]".

106 L-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2015/1589 jipprevedi li s-setgħat tal-Kummissjoni fil-qasam tal-irkupru ta' għajnuna illegali huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, dan it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data li fiha l-għajnuna illegali tingħata lill-benefiċjarju, bħala għajnuna individwali jew fil-kuntest ta' skema ta' għajnuna, u kull miżura meħuda mill-Kummissjoni, jew minn Stat Membru li jaġixxi fuq talba mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-għajnuna illegali tinterrompi dan it-terminu. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, kull għajnuna li fir-rigward tagħha jkun skada l-imsemmi terminu ta' preskrizzjoni għandha titqies li hija għajnuna eżistenti (sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED, C-233/16, EU:C:2018:280, punt 79).

107 Sabiex jiġi evalwat jekk is-somom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jistgħux jiġu kklassifikati bħala "għajnuna eżistenti", fis-sens tal-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-għaxar domanda preliminari tagħha, jekk il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2015/1589 għandux jiġi stabbilit fid-data tal-istabbiliment tal-vantaġġ tariffarju li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jitolbu l-benefiċċju tiegħu jew fid-data tal-ħlas effettiv li sar favurihom f'dan ir-rigward.

108 F'dan id-dawl, mill-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament jirriżulta li, għall-finijiet tal-iffissar tad-data li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin, din id-dispożizzjoni tagħmel riferiment għad-data tal-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju u mhux għad-data tal-adozzjoni ta' skema ta' għajnuna (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 81).

109 Barra minn hekk, għall-finijiet tal-kalkolu ta' dan it-terminu ta' preskrizzjoni, l-għajnuna kkonċernata għandha titqies li ngħatat lill-benefiċjarju biss fid-data li fiha hija effettivament ingħatat lil dan tal-aħħar (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 82).

110 Fil-fatt, l-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589 għandu l-għan li jiddetermina t-terminu li fih il-Kummissjoni tista' tirkupra għajnuna mħallsa illegalment. Għaldaqstant, il-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu ma jistax jiġi ffissat f'data qabel dik li fiha tħallset l-għajnuna illegali.

111 F'dan il-każ, kif ġie espost fil-punt 67 ta' din is-sentenza, is-somom li qed jitolbu r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jikkorrispondu għall-parti tal-vantaġġ tariffarju li huma jqisu li hija dovuta lilhom skont il-leġiżlazzjoni Latvjana fis-seħħ bejn is-sena 2006 u s-sena 2008 u li ma kinitx tħallset lilhom fl-istess ħin mal-bqija ta' dan il-vantaġġ. Issa, sakemm dawn is-somom ma jkunux effettivament tħallsu, mill-punt preċedenti jirriżulta li t-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589 ma bediex jiddekorri fir-rigward tagħhom. Huwa minnu li l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) laqgħet it-talbiet

tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fl-ammont ta' EUR 3 406.63 u ta' EUR 662.26 rispettivament. Madankollu, kif fakkar l-Avukat Ġenerali fil-punt 87 tal-konklużjonijiet tiegħu, is-sentenzi ta' dik il-qorti pprevedew is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom fl-istennija tal-komunikazzjoni tal-għajnuna kkonċernata u tad-deċiżjoni sussegwenti tal-Kummissjoni fir-rigward ta' din l-għajnuna. Għaldaqstant, l-għoti effettiv ta' din l-għajnuna, jiġifieri l-ħlas tas-somom mogħtija, għadu ma seħħx u għalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2015/1589 għadu ma bediex jiddekorri u lanqas, *a fortiori*, ma skada.

112 Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589 ma humiex issodisfatti, b'tali mod li s-somom inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, fl-eventwalità li jiġu kklassifikati bħala miżuri ta' għajnuna, ma jistgħux jitqiesu bħala "għajnuna eżistenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

113 Fir-raba' lok, tikkostitwixxi wkoll "għajnuna eżistenti", fis-sens tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament 2015/1589, kull għajnuna meqjusa bħala tali "minħabba li jista' jiġi stabbilit li meta daħlet fis-seħħ ma kinitx għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq intern u mingħajr ma l-Istat Membru jkun għamel tibdil fiha". Din id-dispożizzjoni tispeċifika li, "[f]ejn ċerti miżuri jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta' attività mil-liġi tal- Unjoni, dawk il-miżuri m'għandhomx jitqiesu li jkunu għajnuna eżistenti wara d-data stabbilita għall-liberalizzazzjoni".

114 Għandu jiġi rrilevat li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma ssemmix l-ipoteżi fejn il-mekkaniżmu stabbilit favur l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jkun sar għajnuna li tiffavorixxi żvilupp tas-suq intern. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 54 ta' din is-sentenza, il-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat" ma teħtieġx li s-suq tal-elettriku jkun ġie kompletament illiberalizzat minn qabel.

115 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li s-somom mitluba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, fil-każ li jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat, lanqas ma jikkostitwixxu "għajnuna eżistenti" fis-sens tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament 2015/1589.

116 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-disa' u għall-għaxar domanda preliminari hija li l-Artikolu 1(b) u (c) tar-Regolament 2015/1589 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn għajnuna mill-Istat ma tikkorrispondi għal ebda waħda mill-kategoriji ta' għajnuna eżistenti previsti fl-Artikolu 1(b) ta' dan ir-regolament, din l-għajnuna, inkluża l-parti tagħha li l-ħlas tagħha jkun qiegħed jintalab sussegwentement, għandha tiġi kklassifikata bħala "għajnuna ġdida", fis-sens tal-Artikolu 1(c) tal-imsemmi regolament.

### *Fuq il-ħdax-il domanda*

117 Permezz tal-ħdax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 108(3) TFUE, l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3 tar-Regolament 2015/1589 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali tista' tilqa' talba li jkollha bħala suġġett il-ħlas ta' somma li tikkorrispondi għal għajnuna ġdida mhux ikkomunikata lill-Kummissjoni bil-kundizzjoni li qabel din l-għajnuna tiġi debitament ikkomunikata mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati lill-Kummissjoni u li din tal-aħħar tagħti, jew titqies li tat, il-kunsens tagħha f'dan ir-rigward.

118 Din id-domanda hija intiża li tippermetti lill-qorti tar-rinviju tevalwa l-kompatibbiltà tas-sentenzi tal-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali), attwalment taħt appell, mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fil-punt preċedenti. Fil-fatt, kif ġie espost fil-punt 28 ta' din is-sentenza, permezz ta' dawn is-sentenzi, din l-aħħar qorti laqgħet parzjalment it-talbiet ta' DOBELES HES u ta' GM u kkundannat lill-Awtorità Regolatorja tħallas lil dawn tal-aħħar, rispettivament, is-somma ta' EUR 3 406.63 u dik ta' EUR 662.26, bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni tieħu, jew titqies li ħadet, deċiżjoni li tawtorizza din l-għajnuna.

119 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-missjoni li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-qrati nazzjonali fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat tinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu, meta dawn il-qrati jikkonstataw li l-miżura kkonċernata kellha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni, li jivverifikaw jekk l-Istat Membru kkonċernat ikkonformax ruħu ma' dan l-obbligu u, jekk dan ma jkunx il-każ, li jiddikjaraw din il-miżura illegali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, OTP Bank, C-672/13, EU:C:2015:185, punt 68).

120 Il-qrati nazzjonali għandhom jisiltu l-konsegwenzi kollha tal-ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, konformement mad-dritt nazzjonali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, OTP Bank, C-672/13, EU:C:2015:185, punt 69).

121 Fil-każ li l-qorti nazzjonali tkun adita b'talba intiża li jinkiseb il-ħlas ta' għajnuna illegali, minħabba li din tal-aħħar ma tkunx ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni, il-kompitu ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-imsemmija qorti għandu għalhekk iwassal, bħala prinċipju, lil din tal-aħħar sabiex tiċħad din it-talba.

122 Madankollu, deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-għajnuna inkwistjoni, iżda bil-kundizzjoni li din tkun qabel ikkomunikata lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati u li din l-istituzzjoni tagħti l-kunsens tagħha, jew titqies li tkun tat dan il-kunsens, hija wkoll ta' natura li tevita li għajnuna ġdida titħallas bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2015/1589.

123 L-Artikolu 108(3) TFUE kif ukoll l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3 tar-Regolament 2015/1589 għandhom għalhekk jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali tista' tilqa' talba li jkollha bħala suġġett il-ħlas ta' somma li tikkorrispondi għal għajnuna ġdida mhux ikkomunikata lill-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li din l-għajnuna tkun qabel debitament ikkomunikata mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati lil din l-istituzzjoni u li din tal-aħħar tagħti, jew titqies li tkun tat, il-kunsens tagħha f'dan ir-rigward.

### *Fuq it-tnax-il domanda*

124 Permezz tat-tnax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa rilevanti, sabiex jiġi evalwat jekk somom għandhomx in-natura ta' "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li dawn jintalbu mingħand awtorità pubblika distinta minn dik li, bħala prinċipju, hija marbuta tħallashom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata u li l-baġit tagħha huwa intiż biss li jiżgura l-funzjonament tagħha stess.

125 Mill-Artikolu 107(1) TFUE jirriżulta li l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat ma tiddependix mill-organu responsabbli għall-ħlas tagħha skont id-dritt nazzjonali, iżda mill-oriġini statali tal-fondi li minnhom titħallas l-għajnuna kkonċernata. B'mod partikolari, f'dan ir-rigward huwa irrilevanti jekk il-persuna responsabbli sabiex tagħti l-vantaġġ inkwistjoni għandhiex status

pubbliku jew privat jew jekk tgawdix minn awtonomija statutorja taħt id-dritt nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, Il-Kummissjoni vs TV2/Danmark, C-656/15 P, EU:C:2017:836, punti 44 u 45).

126 Għalhekk, il-fatt li parti minn vantaġġ, li ma tkunx tħallset mill-organu li bħala prinċipju huwa responsabbli sabiex iħallsu skont id-dritt nazzjonali, tintalab mingħand awtorità pubblika distinta fil-kuntest ta' kawża ġudizzjarja ma jista' jkollu ebda impatt fuq il-klassifikazzjoni ta' dan il-vantaġġ bħala għajnuna mill-Istat.

127 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għat-tnax-il domanda hija li l-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti, sabiex jiġi evalwat jekk somom għandhomx in-natura ta' "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li dawn is-somom jintalbu mingħand awtorità pubblika distinta minn dik li, bħala prinċipju, hija marbuta tħallashom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata u li l-baġit tagħha huwa intiż biss li jiżgura l-funzjonament tagħha stess.

### *Fuq it-tlettax-il domanda*

128 Permezz tat-tlettax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 2002/20 tistax tkun ta' ostakolu għall-"eventwali kumpens" tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali mill-Awtorità Regolatorja.

129 Għandu jiġi rrilevat, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 100 tal-konklużjonijiet tiegħu, li din id-direttiva, li tikkonċerna s-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, ma hijiex applikabbli għas-settur tal-elettriku.

130 Minn dan isegwi li t-tlettax-il domanda hija manifestament nieqsa minn kull utilità għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali u, għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 47 ta' din is-sentenza, hija inammissibbli.

### Fuq l-ispejjeż

131 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-impriża ta' distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata tixtri l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq u li tipprevedi li l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn dan għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' imposta obbligatorja sostnuta mill-konsumaturi finali jew li tipprevedi li l-fondi użati sabiex jiġu ffinanzjati dawn l-ispejjeż addizzjonali jibqgħu b'mod kostanti taħt kontroll pubbliku tikkostitwixxi intervent "permezz ta' riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.**

**2) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-klassifikazzjoni ta' vantaġġ bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li s-suq ikkonċernat ikun qabel ġie kompletament illiberalizzat.**

**3) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tkun stabbilixxiet "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-ħlas ta' somma mitluba quddiem qorti skont din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxi wkoll tali għajnuna.**

**4) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi dritt legali għal ħlas miżjud għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, talbiet ġudizzjarji intiżi li jinkiseb il-benefiċċju sħiħ ta' dan id-dritt għandhom jitqiesu li huma talbiet għall-ħlas tal-parti minn din l-għajnuna mill-Istat mhux imħallsa, u mhux bħala talbiet intiżi għall-għoti mill-qorti adita ta' għajnuna mill-Istat distinta.**

**5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 [TFUE] għall-għajnuna *de minimis*, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-osservanza tal-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-ammont tal-għajnuna mitluba skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti flimkien ma' dak tal-ħlasijiet diġà mħallsa matul il-perijodu ta' referenza taħt din il-leġiżlazzjoni.**

**6) L-Artikolu 1(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn għajnuna mill-Istat ma tikkorrispondi għal ebda waħda mill-kategoriji ta' għajnuna eżistenti previsti fl-Artikolu 1(b) ta' dan ir-regolament, din l-għajnuna, inkluża l-parti tagħha li l-ħlas tagħha jkun qiegħed jintalab sussegwentement, għandha tiġi kklassifikata bħala "għajnuna ġdida", fis-sens tal-Artikolu 1(c) tal-imsemmi regolament**

**7) L-Artikolu 108(3) TFUE kif ukoll l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali tista' tilqa' talba li jkollha bħala suġġett il-ħlas ta' somma li tikkorrispondi għal għajnuna ġdida mhux ikkomunikata lill-Kummissjoni Ewropea, bil-kundizzjoni li din l-għajnuna tkun qabel debitament ikkomunikata mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati lil din l-istituzzjoni u li din tal-aħħar tagħti, jew titqies li tkun tat, il-kunsens tagħha f'dan ir-rigward.**

**8) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti, sabiex jiġi evalwat jekk somom għandhomx in-natura ta' "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li dawn is-somom jintalbu mingħand awtorità pubblika distinta minn dik li, bħala prinċipju, hija marbuta tħallashom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata u li l-baġit tagħha huwa intiż biss li jiżgura l-funzjonament tagħha stess.**

Firem